# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 10**

**Rikors numru 1182/07 JPG**

**Patricia Agius**

**v.**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' GasanMamo Insurance Limited tal-25 ta' Gunju 2015 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Gunju 2015 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tvarjaha billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet l-ewwel sat-tielet, u s-seba' eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanta GasanMamo Insurance Limited u tilqa' r-raba', l-hames u s-

sitt eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanta u konsegwentement tichad it-talbiet tal-appellata fl-intier taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

2. Rat ir-risposta tal-appell ta' Patricia Agius tas-7 ta' Awissu 2015 permezz ta' liema ssottometiet illi l-appell tas-socjeta` appellanta ghandu jigu michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, l-interessi u l-imghax legali kontra s-socjeta` appellanta.

3. Rat l-atti kollha tal-kawza;

4. Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet;

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Gunju 2015;

**Ikkonsidrat:**

6. Illi dan huwa appell wara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi laqghet it-talbiet tar-rikorrenti appellata u ordnat lis-socjeta` appellanti sabiex, bhala l-kumpanija assikurattrici taghha, taghmel tajjeb ghad-danni sofferi minnha wara d-distruzzjoni tal-vettura taghha kagun ta' hruq doluz. L-appellata kienet is-sid ta' vettura *soft-top* li kienet assikurata mas-socjeta` appellanti. Huwa nkontestat li fil-polza ta'

assikurazzjoni kien hemm inkluza kundizzjoni illi din il-vettura kellha tinzamm igaraxxjata bil-lejl, u illi dakinhar meta sehh il-hruq doluz din il-vettura kienet tinstab ipparkjata barra fit-triq.

7. Illi s-socjeta` appellanti targumenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi dik li hija kkonsidrat bhala emergenza kienet sehhet ghal perjodu twil u kontinwu fuq medda ta' xhur u ghalhekk din l-emergenza ma baqghetx aktar emergenza. Issostni illi ghalkemm huwa veru li iben l-appellata kien ibati mill-*croup* u huwa veru li t-tifel kien ikun jehtieg li jittiehed l-isptar meta jaghtih attakk, din il-kundizzjoni ma kinetx wahda inaspettata meta sehh il-hruq tal-vettura tal-appellata peress illi hija kienet ilha taf biha xhur izda naqset milli tavza lis-socjeta` appellanti dwar din il-bidla fic-cirkostanzi taghha skont is-socjeta` appellanti dan ifisser illi l-appellata naqset milli tonora l-obbligu taghha li zzomm lis-socjeta` appellanti f'relazzjoni *in uberrimae fides.*

8. Is-socjeta` appellata targumenta wkoll illi l-*Endorsement 8* inkwistjoni kien jobbliga lil appellata illi tinformaha jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi taghha, u zzid li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda raguni ghalfejn il-kundizzjoni partikolari, u cioe` li l-vettura tinzamm iggaraxxjata matul il-lejl, m'ghandhiex tigi applikata. Skont is-socjeta` appellanti, l-appellata kellha obbligu legali illi tinformaha bil-bdil fic-cirkostanzi li wassalha sabiex tibda thalli l-vettura taghha ipparkjata barra matul il-lejl, u n-

nuqqas taghha illi tirrispetta dan l-obbligu irendi null u bla effett il-kuntratt ta' assikurazzjoni. B'referenza ghal gurisprudenza fuq din il-materja issostni illi jekk fil-*proposal form* jigi moghti dettall li ma jikkorispondix mal-fatti, il-kumpanija assikuratrici m'hijiex responsabbli ghall-hsara li tista' tigi lil proprjeta` assikurata ghaliex dik l-indikazzjoni hazina tirrendi invalida l-polza tas-sigurta.

9. Skont is-socjeta` appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi bbazat fuq l-emozzjoni tal-kaz minflok fuq il-fatti skjetti li johorgu mill-provi. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ssostni illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija zbaljata u mibnija biss fuq simpatija lejn omm illi kellha tifel zghir qed ibati mill-*croup.*

10. Illi l-appellata min-naha taghha tirribatti illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta ghaliex m'huwiex minnu illi ksiret il-kundizzjoni tal-polza li rrendiet l-istess polza nulla. Hija ssostni illi m'huwiex minnu dak li tikkontendi s-socjeta` appellanti li l-emergenza kienet wahda kontinwa li holqot bdil fic-cirkostanzi taghha ghaliex il-Perit Legali stess ikkonkludiet illi l-*cut-off* date minn meta bdiet din il-kundizzjoni medika kienet is-sena 2005, proprju l-istess sena li sehh l-incident, u l-unika prova li ressqet is-socjeta` appellanti kienet biss fir-rigward tal-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Dicembru 2005.

11. Hija tikkontendi illi mill-provi ma jirrizulta l-ebda forma ta' ingann ipperpetrat min-naha taghha u li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-kundizzjoni ta' binha ma kinetx fatt materjali illi hija kienet fid-dover li tinformha lis-socjeta` appellanti dwaru u li fin-nuqqas dan jivvizja l-kuntratt ta' assikurazzjoni. Hija ssostni illi l-obbligu ta' *uberimmae fides* jorbot lis-socjeta` appellanti wkoll u wkoll hija ma tistax tqajjem eskluzjonijiet imgebbda u artificjali sabiex tevita li tonora l-obbligi taghha fuq il-polza. Hija tghid illi r-raguni wara *Endorsement 8* huwa sabiex jigi evitat *wear and tear* eccessiv fuq il-*canvas top* tal-vettura u ghalhekk m'hemm l-ebda ness bejn il-hruq tal-vettura u l-kundizzjoni imposta permess ta' *Endorsement 8.*

12. L-appellata targumenta illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti huwa korrett ghaliex mix-xhieda ta' Dr Victor Theuma jirrizulta illi huwa kien invista lil binha bejn is-sena 2005 u s-sena 2007 u s-snin 2006 u 2007 ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni peress illi huwa sussegwenti ghall-incident, li kien sehh f'Dicembru tal-2005, filwaqt li l-ahhar tigdid tal-polza kien jirrisali ghal Mejju 2005.

13. Illi l-ewwel Qorti, ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-**uberrimae fides** bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbzat fuq riskju fortuwitu u ghalhekk s-socjeta`' assiguratrici tippretendi li matul d-durata tal-kuntratt hija tigi*

*mgharrfa pienament b'cirkostanzi mill-assikurat stess li jistghu jbiddlu l-element ta'riskju f'wiehed akar oghli.*

*"Infatti skond il-gurisprudenza nostrali fis-Sentenza, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kienet ikkowtat lil Lord Mansfield fil-kaz* ***Carter vs Boehm****, meta dana spjega illi:-*

> *"**Insurance is a contract upon speculation. The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist**".*

*"Dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad irrilevat illi "l-mistoqsijiet legali jikkonċernaw l-aktar il-materjalita` tal-fatt, u kif din tigi ggudikata.* ***Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur ragonevoli jew prudenti dwar jekk jaccettax irriskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx necessarjament illi l-assiguratur necessarjament kien jagixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, izda biss li kien ikun irid jaf bil-fatt meta jkun qed jiehu d-decizjoni****. (Ara Container Transport Intl Inc vs Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd – 1994)".*

*"F'din is-Sentenza giet ukoll ikkwotata s-Sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Micallef vs Jovin Rausi****, deciza nhar is-**27 ta' Ottubru 2004** per **Onor. Mhallef Dr. Philip Sciberras** fejn intqal illi:-*

> *"**In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assiguratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi influwenti meta jokkorri l-event dannuz assigurat, li kapaci jkabbru jew jirriducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assigurat jew il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' linterpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili**".*

*"Dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad ghamlet referenza ghall-**Artikolu 10(5) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi jispjega s-sostanzjalita` tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:*

*"**F'dan l-Artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kundizzjonijiet**".*

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe**, deciza mill- **Qorti ta' lAppell** nhar id-**9 ta' Frar 2001**, gie enuncjat illi l-obbligu illi l-assigurat jiddikjara fatt materjali jezisti "irrispettivament minn jekk hu [l-assigurat] kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta`` [l-assiguratur] illi jaghmel hekk".*

*"Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet **Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe**, deciza nhar id-**29 ta' April 2010** per **Onor.Mhallef Dr. Abigail Lofaro**, gie ritenut illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjeta`` ta' l-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal **Rozanes vs Bowen** deciza fis-sena **1928** mill-**Qrati Inglizi**, , fejn gie osservat illi:*

> *"**It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith**".*

*"Fis-Sentenza fl-ismijiet **Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et**, deciza nhar il-**25 ta' Gunju 1962** per **Onor. Mhallef Dr. Joseph H. Xuereb** gie ritenut illi:*

> *"**il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed ta' l-aqwa bona fede u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalli illi jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi huwa generalment ritenut illi l-proponent huwa fid-dmir illi jsemmi kull fatt illi ragjonevolment ghandu jhoss illi huwa relevanti ghall-assiguratur illi jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi**".*

*"Vide ukoll sentenzi **SMS Insurance Agency Limited noe vs Marco Attard**, deciza nhar is-**6 ta' Marzu 2006** per **Onor.Mhallef Dr. Lino Farrugia Sacco**; u **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe**, deciza nhar il-**31 ta' Jannar 1952** mill- **Qorti tal-Kummerc**.*

*"Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru: 128/1999/1) fl-ismijiet **Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg**:*

> *"**Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is- sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni tal-assigurat. … <u>Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew għamel rappreżentazzjoni ħażina</u>***

> ***<u>ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides</u>***.*"(Enfasi ta' din l-Qorti)*

*"Di piu l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrima fides jaspetta lis-socjeta`' assigurattrici.*

*"Fil- kaz in ezami jirrizulta illi iben l-attrici kellu bejn sena u nofs u sentejn fid-data tal-incident, kien jbaghti minn croup, kondizzjoni spjegata tajjeb minn Dr Abela u Dr. Theuma fejn jintefah pipe tan-nifs u dan flimkien ma fjamazzjoni mal-inforra tal-imnieher u discharge li jostakola n-nifs.* ***Din hija kondizzjoni serjissima u hija life threathening****. Jidher skond ixxhieda tal-attrici illi dan it-tifel kien ilu jbaghti minn din il-kondizzjoni ghal xi xhur. Dan hu korroborat minn Dr. Theuma li kkonferma li kien ra lit-tifel bejn 2005 u 2007* ***u mhux qabel****.*

*"Dak li trid tanalizza din il-Qorti hi kemm il-darba il-kundizzjoni ta' croup kienitx a material fact li l-attrici kienet fid-dover li tinforma biha lis-socjeta`' intimata, u li fin-nuqqas ta' tali disclosure kienx tali illi jivvizzja il-kuntratt t'assikurazzjoni innifsu.*

*"Fil-fehma konsiderata ta din il-Qorti il-kondizzjoni tat-tifel Luke Cremona u n-neccessita li fl-eqqel tal-attakki, l-attrici kienet soggetta thalli il-karozza barra, ma kienx material fact tali li tannulla il-kuntratt. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex ma gie pprovat mis-socjeta`' intimata ebda mala fede da parti tal-attrici, ebda hjiel ta' habi u ebda sopressjoni ta' xi evidenza.*

*"Il-Qorti tqis ukoll illi l-material fact, jrid jkun wiehed li l-assikurat* ***jaghraf u jirrikonoxxi*** *bhala tali ghaliex altrimenti kull fattur anke wiehed mill-aktar nebuluz jew remot, jista' jingieb bhala skuza biex jizganza socjeta` assiguratrici mill-obbligu taghha ghal hlas.*

*"Il-Qorti taghraf illi s-socjeta`' intimata kienet qed tipprova ddahhal xi dubbju dwar meta bdiet il-kundizzjoni tal-croup fit-tifel u tqis li l-attrici certament kienet f'qaghda ahjar li taghti linformazzjoni minn Mary Benomer, illi xhedet fi' 2010 u 2012 – vide fol. 97 u 215. Di piu din il-Qorti taghraf ma hemm xejn inkonsistenti fix-xhieda 'l ghaliex bejn tarbija u toddler hemm kwistjoni biss ta' xhur.* ***Di piu' hemm ix-xhieda ta' Dr. Theuma, xhud indipendenti li jasserixxi li ezamina lit-tifel minn 2005 sa 2007 <u>u mhux qabel</u>****.*

*"Fil-kaz in ezami l-Qorti tqis illi l-fatt li l-attrici ma nformatx bil-kondizzjoni medika tat-tifel taghha u bil-konsegwenzi taghha (cioe`' li l-karozza tithalla barra biex jigi evitat telf ta' hin vitali) ma kienitx nuqqas ta' disclosure ta' fatt materjali tali li janulla l-kuntratt.*

*"Kif tajjeb jfhiem* ***Semin Park*** *fil-****The Duty of Disclore in Insurance Contract Law*** *(1996)* ***Dartmouth****: "****uberrimae fidei***

***must not be indcriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims**.”*

*“Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta’ uberrimae fidei, cioe`’ utmost good faith, ma japplikax **biss** ghall-assigurat , izda japplika **ukoll** ghas-socjeta` assiguratrici.*

*“Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-**31 ta’ Ottubru, 2007** fl-ismijiet **Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd’s (Malta) Limited noe**:*

> *“**Illi fil-fatt jirriżulta għalhekk li l-obbligu ta’ bona fede japplika għaż-żewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell1 ikkonfermat li ssoċjeta assikurattrici hija wkoll marbuta b’dan il-prinċipju ta’ uberrima fides u b’hekk l-imġiba tas-socjeta` assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa’ dan il-prinċipju minn wieħed ta’ bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza**…”.*

“***Vide ukoll Gordon Borda vs. Elmo Insurance Agency Limited nomine (P.A. (GCD) – 25 ta’ Mejju 2004); Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine (P.A. (TM) - 9 ta’ Ottubru 2003); Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine (P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003); Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et (P.A. (TM) – 3 ta’ Ottubru 2002).***

*“Illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-ksur tal-endorsement 8, kondizzjoni li meta ma tkunx qed tintuza il-karozza tkun garaged, (apparti l-fatt li tali endorsement ma gietx komunikata missocjeta`’ intimata lill-ADT), il-Qorti taghraf illi skond ix-xhieda, l-attrici kienet izomm il-karozza taghha igaraxxjata bil-lejl meta ma kienitx tintuza u **kien biss ftit xhur qabel ma sehh l-incident** li l-attrici gieli halliet barra il-karozza taghha fl-eqqel tal-attakki tal-croup ta’ binha.*

*“Il-Qorti taghraf ukoll illi raison d’etre tal-endorsement kien minhabba li l-karozza kellha soft/ canvas top u li din il-kondizzjoni hija stipulata minhabba l-excesive wear & tear fuq il-canvas top kemm-il darba il-karozza tithalla barra. Il-kwistjoni tas-soft top u l-kundizzjoni tan-neccessita’ ta’ garaging ma kienu qatt intizi biex jissalvagwardaw l-hsarat li jirrizultaw minn arson. Altrimenti l-endorsement b’kundizzjoni ta’ garaging tigi imposta fuq kull karozza assigurata, li certament ma ssirx.*

*“Illi l-Qorti tqis illi l-fatt li l-attrici halliet il-karozza taghha barra, **kienet necessita imposta fuqha sforz l-emergenza mahluqa mill-kondizzjoni medika tat-tifel taghha**. Il-Qorti ma tista’ ssib ebda xrara ta’ negligenza, traskuragni jew malizzja fin-nuqqas t’osservanza tal-kondizzjoni.*

*"Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal fatt illi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu dolozament taw in-nar lil karozza meritu tar-rikors promotorju. Il-Qorti taghraf li min irid iwettaq arson bhal dak tal-kaz in ezami, certament mhux ser jigi imnaffar milli jaghmel dan sempliciment ghaliex l-karozza tkun garaged.*

*"Il-Qorti rat u ezaminat l-atti tal-inkjesta tal-karozza rilevanti u taghraf illi l-Pulizija ma tefghu ebda dell ta' qerq fuq l-attrici f'dan ir-rigward. Il-Qorti wara li rat ix-xhieda kollha tal-kaz, hi tal-fehma li l-kaz in ezami, certament ma jista' qatt jigi klassifikat bhala wiehed ta' insurance fraud. Illi di piu' in vista tal-kundizzjoni medika tat-tifel, din il-Qorti ma tistghax tipressupponi, eliminat il-genn, li l-attrici fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, sejra tiddistruggi l-uniku mezz ta' trasport taghhha biex tiehu t-tifel taghha l-isptar f'kaz t'emergenza.*

*"Ghaldaqtant il-Qorti taghraf illi s-socjeta` intimata ghandha tinzamm responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attrici a bazi tal-obbligu tas-socjeta` intimata naxxenti mill-polza t'assigurazzjoni numru ZZURX501PAT216".*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

14. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel fatt li ghandu jigi stabbilit huwa jekk il-kondizzjoni illi l-vettura tinzamm iggaraxxjata bil-lejl kinetx applikabbli ghal riskju ta' hsara jew distruzzjoni ikkawzati min-nirien. Dan ikkonsidrat, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi din il-kondizzjoni ma kinetx relevanti fil-kuntest ta' hruq doluz peress illi ma kinetx ir-raguni ghalfejn giet imposta fil-kuntratt inkwistjoni.

15. Il-Qorti taghraf illi fil-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi dwar din il-materja tezisti divergenza fl-opinjonijiet. Skont linja ta' hsieb partikolari, fejn ikun hemm kondizzjoni imposta fil-kuntratt ta' assigurazzjoni bhal dik

inkwistjoni, in-nuqqas ta' osservanza minn naha tal-assigurat ta' din il-kondizzjoni dejjem jillibera lil assigurazzjoni mill-obbligu li tindennizzah ghal kwalunwke telf soffert minnu, anke jekk dan it-telf ma jkollu l-ebda konnessjoni mal-kondizzjoni inkwistjoni. Ezempju tal-applikazzjoni ta' din il-linja ta' hsieb jinsab fis-sentenza **Hussain v. Brown** fejn gie deciz illi "… *it must be remembered that a continuing warranty is a Draconian term …the breach of such a warranty produces an automatic cancellation of the cover, and the fact that the loss may have no connection at all with that breach is simply irrelevant*."[1]

16. Min-naha l-ohra, hemm linja ta' hsieb li tqis illi sabiex l-assikurazzjoni tigi lliberata mill-obbligu taghha li tindennizza lil assigurat, il-kondizzjoni li l-assikurat ikun naqas milli josserva trid tkun tidher mill-kuntratt li tkopri r-riskju li effettivament wasal ghall-hsara sofferta mill-assikurat. Ezempju ta' din il-linja ta' hsieb jinsab fis-sentenza **Printpak v. AGF Insurance Ltd** fejn il-Qorti tal-Appell Ingliza sabet illi il-kondizzjoni inkwistjoni ma kinetx tkopri kull sezzjoni tal-kuntratt, izda biss dik dwar serq, f'liema sezzjoni din il-kondizzjoni kienet inkorporata. Ghal dik ir-raguni, il-Qorti tal-Appell kienet waslet ghal konkluzjoni illi n-nuqqas ta' aderenza minn naha tal-assigurat mal-kondizzjoni imposta illi jigi installat u mantenut in funzjoni *burglar alarm* ma kellha xejn x'taqsam mat-telf

[1] **Hussain v Brown** [1996] 1 Lloyd's Rep 627.

soffert minnu minhabba nirien u li ghalhekk il-kumpanija assigurattiva kienet obbligata li tindennizza lil assigurat taghha ghat-telf soffert minnu.[2]

17. Illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet "...*illi raison d'etre tal-endorsement kien minhabba li l-karozza kellha soft/ canvas top u li din il-kondizzjoni hija stipulata minhabba l-excessive wear & tear fuq il-canvas top kemm-il darba il-karozza tithalla barra."* Illi pero dan ma jirrizulta minn imkien mill-provi. Huwa minnu illi mill-provi jirrizulta illi l-kundizzjoni illi l-appellata izzomm il-vettura assikurata iggaraxxjata matul il-lejl giet imposta minhabba illi l-vettura hija tat-tip *soft-top,* izda ma jirrizultax mill-provi illi s-socjeta` appellanti kienet rabtet din il-kundizzjoni mal-kwistjoni tal-*wear and tear* tal-*canvas top* tal-vettura. Dan ghaliex l-*Endorsement* 8 ma giex ristrett ghal xi sezzjoni partikolari tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, u lanqas ma jirrizulta illi fl-istess *Endorsement* giet ristretta l-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni biss ghal *excessive wear and tear* fuq il-*canvas* tal-vettura. Anke fir-rigward tal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi "…*min irid iwettaq arson bhal dak tal-kaz in ezami, certament mhux ser jigi imnaffar milli jaghmel dan sempliciment ghaliex l-karozza tkun garaged"* ghandu jinghad illi din il-konkluzjoni ma tirrizultax mill-provi billi ma jirrizultax illi kienu saru xi attenati sabiex tigi dolozament mahruqa jew b'xi mod danneggjata l-vettura tal-appellata. Dan apparti illi din il-konsiderazzjoni m'hijiex relevanti ghaliex kif inghad, l-applikazzjoni tal-*Endorsement* inkwistjoni ma gietx limitata kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Illi skont l-

[2] **Printpak v. AGF Insurance Ltd,** [1999] CA.

Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-qorti hija tenuta li tiggudika *iuxta allegata et probata,* u mhux a bazi ta' supposizzjonijiet u fatti li ma jirrizultax mill-provi mressqa mill-partijiet. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, u tqis illi il-kundizzjoni mposta mis-socjeta` appellanti illi l-appellata zzomm il-vettura taghha iggaraxxjata matul il-lejl hija applikabbli fil-kaz in ezami.

18. Illi stabbilit dan jehtieg issa li jigi determinat jekk l-inosservanza ta' din il-kundizzjoni mill-appellata kinetx ipprecipitata minn sitwazzjoni ta' emergenza, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Illi anke hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Dan ghaliex l-appellata stess tghid *ex admissis* fl-affidavit taghha illi binha kien ilu jbati bil-kundizzjoni tal-*croup* fuq "*medda ta' xhur*" qabel il-hruq tal-vettura taghha (*fol.* 95). Illi ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi ma hemmx provi illi juru li iben l-appellata kien ibati bil-*croup* qabel it-12 ta' Dicembru 2005 hija evidentement zbaljata, gia ladarba dan il-fatt gie ammess mill-appellata stess u kkonfermat bil-gurament taghha. Illi ghalhekk, ghalkemm huwa minnu illi l-appellata seta' kellha raguni valida sabiex izzomm il-vettura taghha barra, mill-provi prodotti jirrizulta illi hija kienet taf li setghet tinqala' din in-necessita minhabba l-kundizzjoni medika ta' binha ghal xhur shah u ghaldaqstant ma tistax tigi kkonsidrata bhala emergenza li tezoneraha mill-obbligi kuntrattwali taghha.

19. Illi f'dan il-punt ghandu jigi stabbilit jekk l-appellata kellhiex obbligu illi tinforma lis-socjeta` appellanti b'dan il-bdil fic-cirkostanzi taghha. Skont l-ewwel Qorti, l-appellata ma kellhiex dan l-obbligu peress illi il-kundizzjoni medika ta' binha ma kinetx fatt materjali. In aggunta ma' dan hemm ukoll l-argument tal-appellata illi l-ahhar tigdid ta' polza kien gie iffirmat minnha f'Mejju 2005, qabel ma saret taf bil-kundizzjoni ta' binha u ghalhekk ma jistax jigi imputat lilha xi nuqqas milli tizvela din il-kundizzjoni lis-socjeta` appellanti.

20. Illi din il-Qorti tqis illi l-obbligu ta' *uberimma fides* ma jieqafx hekk kif jigi konkluz il-kuntratt bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni, izda jibqa' jissussisti sakemm tibqa' in ezistenza l-polza ta' assikurazzjoni Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Manifest Shipping & Co. Ltd v. Uni-Polaris Insurance Co Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza illi "[i]*t was common ground between assured and underwriters that the duty of utmost good faith continues to subsist after the making of the contract*."[3] Fuq l-istess linja ta' hiseb, fis-sentenza fl-ismijiet **Black King Shipping Corp v. Massie (The Litsion Pride)** gie deciz illi l-obbligu ta' *uberrimae fidei* huwa applikabbli "…*whenever there is a contractual duty for the insured to give the underwriter information*."[4]

[3] [1997] 1 Lloyd's Rep 360, 370.
[4] [1985] 1 Lloyd's Rep 437. Vide wkoll The Captain Panagos DP [1986] 2 Lloyd's Rep 470.

21. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kundizzjoni medika ta’ iben l-appellata kienet effettivament fatt materjali illi l-appellata kienet obbligata li tizvela lis-socjeta` appellanti. Dan ghaliex din il-kundizzjoni holqot sitwazzjoni fejn l-appellata kien qieghed ikollha thalli l-vettura taghha ipparkjata barra fit-triq sabiex meta binha jaghtih attakk tal-*croup* tkun tista’ tiehdu minnufih ghal kura medika necessarja, u ghalhekk is-socjeta` appellanti kellha tigi nfurmata b’dan sabiex tkun tista’ taghmel ri-valutazzjoni tar-riskju involut. Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-appellata stess, hija kienet ilha taf bil-kundizzjoni ta’ binha u bil-bzonn illi xi drabi thalli l-vettura taghha pparkjata barra anke matul il-lejl fuq medda ta’ xhur, u ghalhekk kellha zmien ampju sabiex tinforma lis-socjeta` appellanti b’din il-bidla fic-cirkostanzi taghha.

22. Illi inoltre, jigi rrilevat illi sabiex jinstab illi l-appellata naqset mill-obbligi taghha ta’ *uberrima fides* m’hemmx bzonn illi jinstab li hija kienet malizjozament naqset milli taghti informazzjoni relevanti lis-socjeta` appellanti. Kif intqal minn Lord Mansfield CJ fis-sentenza fl-ismijiet **Carter v. Boehm**[5]:

> “*Although the suppression should happen through mistake, without any fraudulent intention, yet still the underwriter is deceived and the policy is void; because the risk run is really different from the risk understood and intended to be run at the time of the agreement...Good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of the fact, and his believing the contrary*.”

[5] Carter v Boehm [1766] 3 Burr 1905.

23. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti illi ma kien hemm l-ebda xrara ta' negligenza jew traskuragni minn naha tal-attrici. Dakinhar meta giet mahruqa dolozament il-vettura tal-appellata ma kinetx l-ewwel darba illi iben l-appellata kellu bzonn attenzjoni medika minhabba l-kondizzjoni medika ta' *croup.* Kif diga inghad, jirrizulta mill-provi illi iben l-appellata kien ilu jsofri minn din il-kondizzjoni ghal numru ta' xhur, u ghalhekk hija kellha zmien ampju sabiex tinforma lis-socjeta` appellanti dwar dan l-izvilupp sabiex taghtihom il-possibilita illi jaghmlu riezami tar-riskju involut. Illi ghalkemm din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-appellata illi dakinhar tal-hruq hija halliet il-vettura taghha barra minhabba l-kundizzjoni medika serja li biha kien ibati binha, dan ma jfissirx illi din il-Qorti tista' tinjora dak pattwit bejn il-partijiet meta jirrizulta li l-appellata kellha zmien sufficjenti sabiex tinforma lis-socjeta` appellanti illi hija ma setghatx tibqa' tosserva l-kondizzjoni mposta fuqha li zzomm il-vettura iggaraxxjata matul il-lejl. Illi kif intqal fis-sentenza **Dawsons Limited v. Bonnin and Others** (UKHL, 1922) "*The result may be technical and harsh, but if the parties have so stipulated we have no alternative, sitting as a Court of Justice, but to give effect to the words agreed on. Hard cases must not be allowed to make bad law*"

**Decide**

24. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' in parte l-appell ta' GasanMamo Insurance Limited billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-5 ta' Gunju 2015 fejn cahdet ir-raba', hames u sitt eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata u laqghat it-talbiet tar-rikorrenti, u minflok tilqa' l-istess eccezzjonijiet u tichad it-talbiet kollha tal-appellata.

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mill-appellata, filwaqt illi l-ispejjez tal-ewwel istanza jithallsu in kwantu ghal 25% mis-socjeta` appellanti u 75% mill-appellata, u dawk relattivi ghas-sentenza parzjali tat-3 ta' Ottubru 2008 jithallsu mis-socjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb